MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 1454/2007/1

Kevin **CASSAR**, Et.

vs

**ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u d-Direttur Ġenerali Diviżjoni tas-Saħħa

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta’ Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimati milli jikkonkludu xi tip ta’ ftehim ma’ terzi, kemm verbali u kemm bil-miktub, li jkun jirregola l-kundizzjonijiet ta’ l-impieg tal-kategorija tal-ħaddiema magħrufa bħala ‘*nursing aides*’ f’Malta u Għawdex, għal liema kategorija hija biss il-Union esponenti li għandha l-jedd tinnegozja;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2007, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-11 ta' Ottubru, 2007;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-3 ta' Ottubru, 2007, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu, preliminarjament, li huma jħossu li l-imħallef li quddiemu tressaq ir-Rikors għandu jirtira milli jippresiedi l-proċedura minħabba konnessjonijiet professjonali mal-Union rikorrenti meta kien għadu jipprattika ta' avukat li minħabba fihom "tonqos l-apparenza ta' imparzjalita' meħtieġa skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni". Laqgħu ukoll billi qalu li r-rappreżentant ġuridiku tad-Dipartiment intimat huwa t-Tabib Ewlieni tal-Gvern u mhux id-Direttur Ġenerali; li biex il-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun sodisfatta li tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsin il-jeddijiet tar-rikorrenti u li jkun jidher mad-daqqa ta' għajn li r-rikorrenti għandhom dak il-jedd; li minn imkien ma joħroġ li l-Union rikorrenti tgawdi xi jedd li tinnegozja hija unikament f'isem il-ħaddiema fil-grad ta' "*nursing aides*" li jaħdmu fis-settur pubbliku u dan għaliex hi l-prerogattiva ta' l-amministrazzjoni u suġġett għad-diskrezzjoni tagħha li "*union*" timgħata l-għarfien biex tirrappreżenta xi settur speċfiku ta' ħaddiema, liema pożizzjoni l-Union rikorrenti jidher li għarfet f'korrispondenza li bagħtet fit-28 ta' Settembru, 2007 lil Dottor John Cachia, b'mod għalhekk li ebda "*union*" ma tgawdi drittli jista' jiġi kawtelat permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni li tingħata għarfien u wisq anqas ma tgawdi xi jedd illi żżomm lil min iħaddem milli jinnegozja jew jiftiehem ma' xi "*union*" oħra; u, fl-aħħarnett, li l-proċedura adoperata minnhom hija waħda ta' konsultazzjoni mal-partijiet kollha konċernati bl-inklużjoni tal-"*unions*" kollha li jirrappreżentaw lill-kategorija in kwestjoni, kif joħroġ mill-ftehim kollettiv settorali dwar in-"*nursing aides*" li kien iffirmat kemm mill-Union rikorrenti u kif ukoll mill-Union Ħaddiema Magħqudin;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2007, li bih warrbet l-istedina tal-intimati biex tastjeni milli tisma' din il-proċedura;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-każ għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti jridu li jżommu lill-intimati milli jidħlu fi ftehim – kemm bil-fomm u kif ukoll bil-miktub – li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg tagħhom ta' "*nursing aides*", għal liema kategorija ta' ħaddiema l-Union rikorrenti tgħid li hi biss għandha l-jedd li tinnegozja;

Tqis li qabel id-data li fih intalab il-ħruġ tal-Mandat kienu għaddejjin negozjati bejn id-Dipartiment intimat u kemm il-Union rikorrenti u kif ukoll il-Union Ħaddiema Magħqudin dwar il-kategorija ta' ħaddiema li jagħmlu minnha r-rikorrenti[1], u li dawn in-negozjati huwa maħsub li jitkomplew bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim, ukoll jekk ftehim bħal dan isir ma' waħda biss mill-"*unions*" involuti;

Tqis li dan jissoddisfa l-vot tal-liġi fl-artikolu 873(3) li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma hija fil-fatt maħsuba li ssir;

Tqis li r-rikorrenti iddikjaraw li jridu lill-Union rikorrenti biex tidher f'isimhom f'tali negozjati, u huma f'għadd li jaqbeż in-nofs tal-persuni kollha impjegati mal-Gvern f'Malta u Għawdex bħala "*nursing aides*". Iddikjaraw ukoll li huma m'humiex se' jaċċettaw l-ebda ftehim li jista' jintlaħaq ma' xi *union* oħra[2];

Tqis li ngħad u ġie mfisser li n-negozjati li għaddejjin huma maħsuba li jemendaw ftehim settorali eżistenti li kien intħalaq fl-1993, liema ftehim settorali kien emendat fl-1996 (b'arranġament milħuq mal-Union rikorrenti

---

[1] Xhieda ta' Dr. John M.Cachia, f'paġ. 59 u 66 tal-atti

[2] Dok "GWU 1", f'paġ. 5 tal-atti

waħedha) u fl-2001 (b'arranġament milħuq mal-UĦM waħedha);

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli, jew, f'każi fejn it-talba tkun indirizzata kontra l-Gvern, li l-ħsara mġarrba mill-parti li titlob il-

[3] Art. 873(1) tal-Kap 12
[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Mandat tkun sproporzjonata meta mqabbla mal-ħaġa li huwa maħsub li ssir. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[7] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li l-jedd li r-rikorrenti qegħdin isejħu favurihom huwa dak tal-konsultazzjoni effettiva qabel jintlaħaq il-ftehim. Dan huwa jedd li kemm id-dritt Ewropew[8] u kemm is-sistema legali tagħna[9] jagħrfu lill-impjegat dwar deċiżjonijiet li jkun "x'aktarx jistgħu jwasslu għal bidliet sostanzjali fl-organiżżazzjoni tax-xogħol jew relazzjonijiet kuntrattwali". Dan jagħti lir-rikorrenti mad-daqqa t'għajn jedd li jista' jkun tutelat mill-ħruġ ta' Mandat;

Tqis, madankollu, li dan il-jedd ta' konsultazzjoni jiddependi minn u huwa marbut essenzjalment ma' kwestjoni ta' għarfien[10];

Tqis li t-talba tar-rikorrenti titkellem essenzjalment u b'mod ċar dwar "jedd (li) tinnegozja", u dan minkejja li huma iddikjaraw enfatikament, kemm waqt is-smigħ tax-xhieda[11] u kif ukoll waqt is-sottomissjonijiet tal-għeluq, li t-talba

[7] Art. 873(3) tal-Kap 12
[8] Ara p.e. KE2002/14
[9] Ara A.L. 10 tal-2006 fost l-oħrajn
[10] Whincup _Modern Employment Law_ (9th. Edit), par1.3
[11] Xhieda ta' Louis Marsh, f'paġġ. 74-5 tal-atti

għall-ħruġ tal-Mandat m'għandha x'taqsam xejn mal-għoti tal-għarfien ewlieni min-naħa tal-intimati;

Tqis li l-proċedura għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintuża biex prinċipal (kemm jekk ikun is-settur privat u kif ukoll jekk ikun mis-settur pubbliku) jiġi mġiegħel jagħti għarfien lil xi rappreżentanti ta' kategorija ta' impjegati għall-finijiet ta' negozjati dwar ftehim kollettiv għaliex Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[12];

Tqis ukoll, min-naħa l-oħra, li hija regola bażika ta' demokrazija industrijali li kemm il-konsultazzjoni u kif ukoll in-negozjar dwar kundizzjonijiet ta' mpieg isiru ma' rappreżentanti effettivi tal-ħaddiema milquta, u li għalkemm hija tassew prerogattiva tal-prinċipal lil min jagħżel li jagħti għarfien biex jinnegozja miegħu, huwa mixtieq li tali għarfien (jekk tabilfors trid issir għażla) isir favur min tassew igawdi l-fiduċja tal-ħaddiema milquta;

Tqis li l-Union rikorrenti qegħda tkun involuta fin-negozjati li kienu għaddejjin mad-Dipartiment intimat, iżda dak li hija tippretendi huwa li tingħata għarfien waħdieni;
Tqis li dan kollu jfisser li r-rimedju mistenni mir-rikorrenti jista' jinkiseb b'mezzi oħrajn magħrufa mil-liġi, għaliex il-Qorti ssib li ma jeżistux il-kundizzjonijiet maħsuba mil-liġi biex it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:

**Tiċħad it-talba** għall-ħruġ tal-Mandat, peress ma ntweriex li jinsabu radikati l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2007, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

[12] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983**)

Mogħti kameralment illum, 25 ta’ Ottubru, 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------